Nru. 51

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikoli 47 u 48 (5) ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis illi s-siġra li ġejja, jiġifieri:-.

Araucaria heterophylla (Norfolk Island Pine) f'San Pawl il-Baħar

(ara l-pjanta f'paġna 235) hija ta' valur estetiku, kulturali u arborikulturali. Hija temmen ukoll li għalhekk is-siġra għandha titqiegħed fuq il-Lista ta' Siġar Skedati skond it-termini ta' l-artikolu 48 (1) ta' l-Att ta' 1-1992 dwar l-Ippjanar ta' I-Iżvilupp.

L-Awtorità hija tal-fehma li s-siġra msemmija hija fil-periklu li tiġi maqlugħa mill-għeruq, meqruda, miżbura, żmiċċata mid-dirgħajn, jew inkella li b'xi mod ieħor issirilha ħsara.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward tas-siġra msemmija hawn fuq, skond l-artikoli 47 u 48 (5) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Is-siġra murija fil-pjanta mehmuża hija meqjusa bħala siġra skedata.

(ii) Għandu jsir kull sforz ħalli s-siġra tibqa' fi stat tajjeb ta' saħħa.

(iii) Jekk għal xi raġuni s-siġra tmut, flokha għandha titħawwel siġra oħra indiġena, kif approvata mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-siġra ssirilha xi ħsara jew tinqered bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq siġra skedata.

Il-21 ta' Jannar, 1997

No. 51

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:-

One *Araucaria heterophylla* (Norfolk Island Pine) at San Pawl il-Baħar

(see site plan on page 235) is of aesthetic, cultural and arboricultural value, such that is should be listed as 'Scheduled Trees' in terms of section 48 (1) of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the tree is in danger of being uprooted, destroyed, pruned, looped, or otherwise harmed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above tree in accordance with sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act.

(i) The tree shown on the attached plan is to be considered as a scheduled tree.


(ii) All efforts are to be carried out to ensure the continued well being of the said tree.

(iii) Should the tree die for whatever reason it shall be replaced by tree of indigenous species as approved by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the publication of this order.

If the tree is in any way damaged or destroyed in contravention of this order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Trees.

21st January, 1997



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E46159, N78405 Max E46581.1, N78870.1

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order: San Pawl il-Bahar

● Norfolk Island Palm, at Triq San Gilardu, San Pawl il-Bahar

Ref No. :- GF 320/96

Form No. :- MU003